MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 442/2002

**Atlas Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Maria Assunta Schembri u l-istess Maria Assunta Schembri u b'nota tat-13 ta' Mejju 2004 is-socjeta' Atlas Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera AXA Insurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Maria Assunta Schembri assumiet l-atti.**

**Vs**

**Carmel Borg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundanant li jhallas lill-atturi s-somma komplessiva ta’ tlett elef disa’ mija u tlettax-il lira (Lm3913) – in kwantu ghal tlitt elef tmien mija u tlettax-il lira (Lm3813) lis-socjeta’ attrici Atlas Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal mitt lira (Lm100) lill-attrici Maria Assuna Schembri – in linea ta’ danni mill-konvenut kagunati u minnhom sborsati bhala konsegwenza ta’ incident awtomobilistiku li gara Bahar ic-Caghaq fl-14 ta’ April 2002 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru FBH 778 habat mal-vettura Nru MSS 888 propjeta’ tal-attrici Maria Assunta Schembri u misjuqa minn Emanuele Schembri – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta’ Mejju 2002 u dawk tal-ittra ufficjali presentata mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali b’effett mill-20 ta’ Mejju 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut u li biha eccepixxa bir-rispett (fol 4 tal-atti).

1. Illi ghall-incident stradali mertu tal-avviz ma kienx jahti hu u ghalhekk ghandu jigi liberat bl-ispejjes.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u b’riserva tad-danni subiti mill-eccipjent.

Rat in-nota hawn fuq imsemmija u li tinsab a fol 55 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-kopja <u>tar-rapport u tal-iskizz</u> esebiti minn <u>PS 226 Paul Bonanno</u> (fol 40 u fol 45 et seq ibid) jirrisulta li dan l-

incident gara fil-vicinanzi tal-Bajja tas-Salina u kienu involuti fih zewg vetturi, dik bin-numru FBH 778 misjuqa mill-konvenut u ohra bin-numru MSS 888 misjuqa minn Emanuele Schembri.

Illi meta l-istess Emanuele Schembri xehed (fol 16 et seq ibid), hu qal illi kien qed isuq il-vettura msemmija fl’hekk imsejjha “Coast Road” sejjer fid-direzzjoni ta’ Tas-Sliema u akkumpanjat minn martu, l-attrici Marija Assunta Camilleri. Dak il-hin, fq iz-zewg nahat tat-triq, kien hemm karozzi li”….kienu wahda wara l-ohra’ jinsaqu fid-direzzjonijiet opposti (‘dudu ta’ karozzi telghin u nezlin”). F’certu hin, karozza, misjuqa mill-konvenut u li kienet fuq in-naha l-ohra tat-triq, tinsaq lejn San Pawl il-Bahar “…. Harget mill-linja ta’ karozzi … u bdiet gejja ghan-naha tax-xellug ….” tat-triq. Dwar din il-manuvra, x-xhud iddeskriviha, bhala “ Din il-karozza giet, fi kliemu stess fit-tul” u “…. wrong side” ghal distanza ta’ madwar tletin pied. Bhala konsegwenza ta’ din, il-karozza misjuqa mix-xhud ntlaqtet fuq in-naha tal-lemin, mill-fanal ta’ quddiem matul il-genb kollu, biz-zewg bibien fuq l-istess naha jinqalghu. Inoltre il-karozza l-ohra spiccat fil-foss tas-Salini, skond kif muri fuq l-imsemmi skizz (a fol 47 ibid) u fuq il-fotopja ta’ ritratt (a fol 25 ibid) (ara ukoll ix-xhieda tal-imsemmija Marija Assunta Schembri).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 52 et seq ibid) sostna meta xehed , illi kien ra karozza gejja mid-direzzjoni opposta, u li fiha kien hemm mara u ragel jitkellmu ma xulxin. Inoltre hu kien ra l-istess karozza “… gejja ghal fuqi” meta nhasad. Minhabba hekk, hu intlaqat fuq il-genb ta’ quddiem tal-lemin vicin ir-rota li, bhala konsegwenza, infaqghet oltre li sab ruhu fil-foss.

Ikkunsidrat

Illi, minnufih ghandu jigi notat li l-istess konvenut, meta xehed, qal li ma ftakarx jekk kienx informa lill-Pulizija li investiga dan il-kaz illi kien ra l-konjugi Schembri jitkellmu ma xulxin, immedjatament qabel il-habta in esami. Filfatt

jekk issir referenza ghal dak li stqarr l-istess konvenut lill-istess pulizija u kif verbalizzat taht “diversi ‘statements’ fir-rapport imsemmi a fol 49 ibid, din l-allegazzjoni ma hiex imnizzla hemmhekk.

Illi, wara li gew konsiderati l-provi kif esposti, din il-Qorti ma ghandha ebda dubbju li dan l-incident gie kawzat minn manuvra sperikolata u bla kont esegwita mill-istess konvenut li, azzarda li jissorpassa vetturi ohrajn bil-konsegwenza li, sabiex jesegwihom kellu jmur fuq in-naha l-hazina tat-triq, minn fejn kienu ghaddejjin vetturi ohrajn gejjin mid-direzzjoni opposta fosthom dik misjuqa minn Emanuele Schembri. Ghalhekk ir-responsabilta ta’ dan l-incident ghandha tigi akkolata, kollha kemm hi, lill-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi, dwar l-ammont ta’ danni, li ma giex kontestat, issir referenza ghax-xhieda ta’ Stephen Conti (fol 26 et seq ibid) li anke permezz tad-dokumentazzjoni relattiva, ikkonferma l-ammont specifikat fl-avviz inklusi l-‘excess’ imhallas mill-assikurat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;
2. Tillikwida l-ammont komplessiv ta’ dawn fis-somma ta’ Lm3913; u
3. Tikkkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm3813 u lill-atturi s-somma ta’ Lm100 bl-imghax legali mill-20 ta’ Mejju 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittri ufficjali tal-20 ta’ Mejju 2002 u tal-4 ta’ Lulju 2002, imsemmija fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------